MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 378/2014

**L-Avukat Ludvic Caruana fil-kapacita' tieghu**

**bhala mandatarju specjali tal-assenti A B**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur nomine tal-5 ta' Settembru 2014 li jaqra bil-mod segwenti:

1. "Illi permezz ta' prokura, l-avukat sottoskritt gie mahtur bhala mandatarju specjali ta' l-assenti A B li jghix barra minn Malta u ghalhekk ma jistax ikun prezenti ghal dawn il-proceduri.

2. Illi l-partijiet izzewgu fl-17 ta' Marzu tas-sena 1977.

3. Illi huma ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin;

4. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Reuben Debono u datat 13 ta' Lulju 2006.

5. Illi miz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe Lydia u Alexandra, illum t-tnejn maggorenni.

6. Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet.

7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtieqa ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligjjiet ta' Malta;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat ir-risposta tal-konvenuta:

1. "Illi l-esponenti ma tistax taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u dan stante li l-ewwel l-imsemmi A B huwa issa f'posizzjoni li jassisti lill-martu billi jipprovdilha manteniment xieraq u adegwat t-tieni li 1-imsemmi ghalkemm huwa mizmum garanti in solidum ma' martu fir-rigward tal-kaz Debono Mark vs B Cet ma ghandu ebda proprjeta mobbli jew immobbli biex jaghmlu tajjeb ghal dan.

Ghaldaqstant titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Ma tilqax t-talbiet kontenuti fir-rikors tal-attur"

2. Tiffissa dik ir-retta alimentarja mensili xierqa ghal esponenti u tordna lil attur sabiex jibda jhallas l-ammont hekk stabbilit minnha kif ukoll sabiex jipproduci garanzija adegwata jew mobbli jew immobbli ghall-possibilita tal-ezitu tal-vertenza Debono Mark vs B Cet.”

Rat is-sentenza in parte ta’ din il-Qorti tat-22 ta’ Jannar 2015 li permezz taghha gew michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Marzu 1977, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal llum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono fit-13 ta’ Lulju 2006;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------